XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Dun Pawl Micallef

*(1897 - 1956)*

## 1. Bijografija fil-Qosor

Meta wieħed jara l-Oratorju Don Bosco f'Victoria, Għawdex ma jistax ma jiftakarx f'Dun Pawl Micallef.

Dun Pawl twieled ir-Rabat, Għawdex fil-25 ta' Jannar 1897. Tgħammed mill-Arċipriet Feliċ Refalo dakinhar stess fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ u ngħata l-ismijiet ta' Pawlu, Mikiel u Antonju. Wara li studja fil-Liceo daħal fis-Seminarju biex jibda t-triq għas-saċerdozju. Sa qabel ma qaddes kien jammira ħafna l-ideal ta' Don Bosco, u kien jittama li jaħdem mat-tfal u ż-żgħażagħ. Huwa ġie ordnat saċerdot fit- 22 ta' Diċembru 1923 fl-età ta' 26 sena fil-Katidral ta' Għawdex.

Għalhekk fl-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħu beda jħeġġeġ ħafna d-devozzjoni lejn Don Bosco li ġie bbeatifikat fit-2 ta' Ġunju 1929. Bejn 1928 u l-1929 kiteb serje ta' artikli fuq il-ġurnal Leħen is-Sewwa dwar il-ħajja tal-Fundatur tas-Sależjani. Kien sikwit iqassam kurunelli, talb, santi, domni u statwi tal-Beatu Ġwanni Bosco. Kien ukoll ikellem lin-nies fuq kemm ġid joħroġ jekk f'Għawdex issir xi ħaġa li tħaddan is-sistema ta' dan il-qaddis.

Fis-sena 1929 sar il-Kungress Ewkaristiku Djoċesan u f'din l-okkażjoni saru festi kbar. Il-għaqda tal-Paġġi tas-Sagrament tal-knisja ta' Savina kellha sehem importanti f'dawn il-festi. Wara li għadda kollox Mons. Paul Cauchi talab lil Dun Pawl Micallef biex jibda jieħu ħsiebhom. Laqa' din l-istedina minnufih u billi din l-għaqda tal-Paġġi kienet tikkonsisti fi grupp ta' tfal li kienu jiltaqgħu kull nhar ta' Ħadd, ra li l-ħolma ta' ħajtu li jibda ħidma fuq il-passi ta' Don Bosco bdiet isseħħ.

Dun Pawl kien jorganizza dan il-grupp fuq is-sistema ta' Don Bosco. Biex jilħaq dan il-għan kien jgħaddi l-ħin liberu tiegħu jaqra fuq dan il-Beatu u fuq is-Sależjani. Il-ħsieb tiegħu kien li jsib dar li sservi ta' oratorju. Sadanittant l-Arċipriet ta' San Ġorġ Mons. Alfons Marija Hili, reħa t-tagħlim tad-duttrina f'idejn Dun Ġużepp Spiteri, minn Naxxar, li kien ilu joqgħod f'Għawdex għal xi snin qabel. Iżda dan il-qassis twajjeb kien iħossu mhux f'saħħtu biżżejjed għal dan ix-xogħol. Talab lil Dun Pawl biex jgħinu u dan aċċetta. B'dan il-mod it-tagħlim tad-duttrina beda miexi aktar bil-ħeffa u aħjar.

Dan il-qassis żelanti kompla jitħabat biex tinstab dar li tkun oratorju li titmexxa fuq is-sistema sależjana. Fl-1934 b'ħafna taħbit irnexxielu jsib dar żgħira fi Triq il-Karità. U hemmhekk beda jagħmel diversi attivitajiet li kienu jinkludu xi tijatrin. Kien jittraduċi xi xogħlijiet mit-Taljan u jitkeb anki xogħlijiet oriġinali. Sentejn wara sab dar oħra fi Triq Monsinjur Farrugia u wara f'dar oħra fi Pjazza Santu Wistin. Sadanittant Dun Ġużepp Spiteri, li kien jgħinu kellu jirtira minħabba saħħtu.



Dun Pawl issa għadda biex jibni oratorju. Biex jibni kellu jgħaddi minn tbatija kbira, ġuħ u faqar. Kull ma kien jaqla' kien imur għall-oratorju u anki kien imidd għonqu fix-xogħol tal-bini. Dan ġie inawgurat fit-8 ta' Ottubru 1949. Dam imexxi l-oratorju għal seba' snin sħaħ sakemm ġew is-Sależjani. Proprju din kienet it-tieni ħolma tiegħu.

Fis-sena 1956 Dun Pawl kien jidher li kien bniedem għajjien. Saħħtu bdiet tnin malajr u miet fil-25 ta' Novembru tal-istess sena. Kellu 59 sena. Sadanittant kulħadd beda jgħid "Miet qaddis". Refgħuh iż-żgħażagħ mid-dar tiegħu li kienet iġġib in-numru 56, Triq l-Isqof Pietru Pace, sal-Katidral. Mijiet ta' tfal u żgħażagħ għaddew ibusuh u kienu ż-żgħażagħ ukoll li niżżluh fil-qabar fil-kappella ta' Santa Barbara.

Fil-15 ta' Diċembru ta' l-istess sena saret tifkira funebri f'ġieħu. U l-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani sellemlu hekk:

"Għemilek ma jintemmx; bħal nifs tal-ħajja
inissel ħeġġa ġdida fiż-żgħożija
li tmexxi t-tmun taż-żminijiet u l-ġrajja

U jibqa' jixgħel fostna bħal lanterna
Mafkar ta' ġieħ, nixxiegħa ta' tjubija,
Spirtu ta' ferħ u poeżija eterna"

***Angelo Xuereb***

*(Din is-serje ta' artikli hija bbażata fuq il-ktieb 'Tletin sena Ħajja –Ġrajjiet l-Oratorju Dun Bosco', miktub minn Anton Scicluna, Għawdex 1980).*